MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 13/2009

**Joan Attard**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "L-Arbitru,
>
> Ra id-decizjonijiet mehuda mid-Direttur fit-8 u fil-11 ta' Novembru 2008 li permezz taghhom twaqqfet lil appellanti l-ghajnuna socjali u l-allowance supplementari u ntalbet tirrifondi l-ammonti li kienet irceviet meta ma kienux dovuti. Ra wkoll l-appell spjegativ tal-Avukat taghha li

dahal fil-5 ta' Dicembru 2008. Sema fit-tul kemm lill-inspector kif ukoll l-istess appellanti.

Dwar dan il-kaz gew prezentati zewg rapporti tal-lnspectors li kienu tassew dettaljati u taw stampa ciara ta' l-inkarigu taghhom. Gie kkonfermat li l-kaz infetah wara li sar rapport anonimu; dan ir-rapport kien tassew dettaljat u sahansitra ta n-numri tal-karozzi u ssuggerixxa wkoll il-hin meta kellha tinzamm l-inspection.

Irrezulta mill-istess rapport u mix-xhieda ta' Joan Attard li hija ma kienitx irrapportat il-bdil fl-indirizz tar-residenza taghha; ma irrezultax dak li kien intqal fir-rapport anonimu, anzi hu sinifikativ kif, meta marret ghat-tieni ittra tad-Dipartirnent, hija accettat li jigu jaraw id-dar fejn kienet tghix. Fil-fatt marru ftit wara u mir-rapport irrezulta li ma kien hemm ebda hjiel tal-presenza ta' xi ragel iehor gewwa dak il-fond.

L-appellanti u d-difensur taghha spjegaw ic-cirkostanzi li kienet ghaddejja minnhom meta bidlet ir-residenza ghal wahda b'kera inqas u kienet fil-fazi finali ta' kawza ta' separazzjoni u tqala f'eta` piuttost kbira.

Illi rrezulta li wiehed mill-ulied li joqghodu maghha kien dahal jahdem ma' Pricewaterhouse Coopers f'Lulju 2005 u mill-file ma deherx li kienet rrappurtat dan l-impieg. L-appellanti nsistiet li kienet gharrfet b'dan lill-Area Office, u meta wiehed jikkonsidra wkoll in-natura ta' dan l-impieg u d-ditta li maghha jahdem, I-Arbitru hu tal-fehma li l-versjoni tal-appellanti hi ghal kollox verosimili u kredibbli; ghalhekk kull aggustament u talba ghar-rifuzjoni dwar dan it-tifel, ma ghandiex tmur oltre is-sentejn peress li dan ma kienx dovut ghal nuqqas ta' Attard.

Illi mix-xhieda ta' l-istess appellanti jidher li hija halliet ir-residenza registrata taghha u marret

> tabita f'post iehor b'kera inqas, u b'dan ma avzatx lid-Dipartiment. Ghalkemm ma rrezulta ebda skop ulterjuri ghal dan it-traslok, hija kisret l-obbligazzjonijiet li kienet assumiet meta ghamlet l-applikazzjoni originali; jigi rilevat li l-original ta' whud mill-applikazzjonijiet relatati ghal dan l-appell ma setghux jinstabu. Irrezulta pero' li l-appellanti naqset li tirraporta t-traslok taghha mill-indirizz moghti li sar fit- 8 ta' Jannar 2008.
>
> Ghalhekk l-Arbitru hu tal-fehma li waqt li id-Dipartiment kien gustifikat meta waqqaf l-ghajnuna minhabba dan in-nuqqas fih innifsu, u ghalhekk anki meta talab ir-rifuzjoni, izda kull talba ghal rifuzjoni ghandha tibda mit-8 ta' Jannar 2008, hlief dik relatata mat-tifel il-kbir li mpjega ruhu fl-2005, liema rifuzjoni ghandha tmur lura ghal perijodu ta' sentejn."

Evidentement mill-appelli sottomessi miz-zewg kontendenti din is-sentenza ma ssodisfat lill-ebda parti minnhom. Hekk ir-rikorrenti Joan Attard talbet ir-revoka taghha in bazi ghaz-zewg ilmenti illi (i) nonostante li l-Arbitru accerta ruhu li hi kienet in "bwona fede", xorta wahda ghadda biex ippenalizzaha in bazi ghall-fatt uniku tan-nuqqas da parti taghha li tinforma lid-Dipartiment bit-tibdil ta' l-indirizz u (ii) l-Arbitru skonfina proceduralment il-parametri ta' l-istess decizjoni tad-Direttur meta okkupa ruhu mill-fatt ta' l-impjieg tat-tifel taghha u ghadda biex iffissa rifuzjoni ulterjuri konnessa ma' din ic-cirkostanza. Minn naha tieghu d-Direttur, bl-appell principali tieghu, talab ir-riforma tas-sentenza f'dik il-parti taghha riferibilment ghar-rifuzjoni limitativa ghal sentejn ghall-fatt ta' l-impjieg tat-tifel tal-beneficjarja;

Huwa utli ferm ghall-istharrig gudizzjarju li jrid isir mill-Qorti illi jigu ffissati t-termini tal-kontroversja kif dawn jinzlu mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru:-

(1) Ir-rikorrenti Attard, mara sseparata bi tlett itfal, kienet ir-recipjenti tal-beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali (SA) u ta’ Ghajnuna Supplimentari (SPA);

(2) B’ittra tat-8 ta’ Novembru 2008 d-Direttur gharrafha bid-decizjoni tieghu illi hi ma kienetx aktar intitolata ghal dawk l-ghajnuniet ghaliex hu “mhux sodisfatt li qed tabita fl-indirizz minnek moghti”. In konsegwenza, l-istess Direttur ghadda biex permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Novembru, 2008 informaha li kienet thallset biz-zejjed u, ghaldaqstant, kien deciz li hu jirkupra dak il-hlas zejjed billi jnaqqas l-ghajnuniet bir-rata ta’ 30%. Hu minn dawn id-decizjonijiet li l-appellanti Attard ressqet il-gravam taghha lill-Arbitru;

(3) Fl-Affidavit taghha din l-appellanti taccetta li hi kienet naqset milli tinforma lid-Dipartiment bit-tibdil fl-indirizz taghha li sehh fit-8 ta’ Jannar 2008 izda dan m’ghamlitux b’motiv ulterjuri ta’ habi ta’ xi cirkostanza in kwantu dejjem ghexet wehidha flimkien ma’ uliedha f’kull lok fejn marret toqghod minn wara s-separazzjoni;

(4) Dan hu sa certu punt ikkonfermat mir-rapport ta’ l-investigaturi tal-Fraud Section fi hdan id-Dipartiment, tant li fuq l-ispezzjoni minnhom kondotta fil-fond il-gdid jaffermaw illi, nonostante li ghamlu tfittxija biex jaraw jekk josservawx xi affarijiet jew accessorji li generalment jissuggerixxu l-presenza ta’ xi persuna adulta tas-sess maskili, ir-rizultat kien assolutament fin-negattiv;

Huwa forsi importanti li jigi denotat illi skond ma jirrizulta minn dak l-istess rapport dawk l-investigaturi kienu ghamlu zewg rakkomandazzjonijiet u cjoe li (i) id-Dipartiment kellu jqis li l-beneficjarja ma baqghetx toqghod fl-indirizz iddikjarat minnha b’effett mit-22 ta’ Frar, 2008, jigifieri minn meta hija ghamlet it-talba sabiex il-posta taghha tigi ri-diretta ghal lok attwali tar-residenza taghha (“Sunshine Court”) u (ii) li r-rata tal-Ghajnuna Socjali tal-beneficjarja tigi wkoll riveduta b’effett mit-18 ta’ Lulju, 2005, jigifieri minn kemm ilu mpjegat binha Nicholas Attard;

Distingwibilment, id-Direttur ma jidherx li accetta pjenament dawn l-istess rakkomandazzjonijiet in kwantu hu llimita ruhu biex jissanzjoni l-agir tal-beneficjarja fuq il-presuppost uniku illi hi ma kienetx qed tabita fl-indirizz moghti minnha. Xejn anqas u xejn izjed minn hekk, kif, del resto, rikonfermat minnu fir-risposta tieghu ghall-gravam devolut mill-beneficjarja lill-Arbitru. Dan ir-riljev qieghed isir u jigi sottolinejat minhabba r-rilevanza tieghu fl-ezami tat-tieni aggravju ta' l-appellanti kif ukoll ghall-indagini ta' l-ilment principali tad-Direttur bl-appell tieghu;

Intant, bl-ewwel obbjezzjoni taghha l-appellanti Attard tissottometti bi spjegazzjoni illi l-ommissjoni da parte taghha li tempestivament tgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali bit-tibdil ta' l-indirizz ma kellhiex wehidha, u ghal daqshekk biss, tikkonduci ghas-sospensjoni tal-beneficcju u ghar-rifuzjoni ta' dak li rceviet jekk fatti ohra jindikaw illi hi fil-fatt kienet qed tghix fil-lok flimkien ma' uliedha u mhux ma' persuna terza. Hi ssostni li kienet ghal kollox in bwona fede izda, ghalkemm dan hu wkoll rikonoxxut mill-Arbitru, dan spicca biex ippenalizzaha in bazi ghall-fatt uniku li naqset li tinforma lid-Dipartiment bit-traslok minn appartament ghall-iehor. Finalment, izzid tikkonkludi illi l-ghajnuniet kellhom jibqghu jinghataw lilha bla ebda tnaqqis ghal rifuzjoni. Alternattivament, in pessima ipotesi, li r-rifuzjoni tkun limitata ghall-perijodu bejn it-8 ta' Jannar, 2008 (data tat-traslok) sad-9 ta' Ottubru, 2008 (data li fiha avzat lill-Ufficcju Distrettwali dwar il-bidla fl-indirizz);

Premess dan, jibda biex jigi osservat illi fis-sistema legali taghna, sew generali, sew specjali, jezistu obbligazzjonijiet fejn fir-rapport guridiku partikolari d-debitur ghandu versu l-kreditur (intizi dejjem f'sens wiesgha) joqghod ghall-osservanza ta' certa kondotta pro-attiva. Fost dawn l-obbligazzjonijiet hemm certament dak fejn id-debitur hu tenut jinforma lill-kreditur tieghu b'kull cirkostanza li tista' b'xi mod tinfluwixxi ruhha fuq dak ir-

rapport. Ezemplari ta’ dan jezistu wkoll fil-ligi komuni taht il-Kodici Civili. A propozitu, l-Artikolu 1565 fejn kerrej hu obbligat jgharraf bla dewmien lil sid il-kera bl-uzurpazzjonijiet jew hsarat ohra li jsiru fil-haga mikrija, jew l-Artikolu 1859 fejn il-mandatarju ghandu jgharraf lil mandanti bla dewmien li ma jridx jaccetta l-inkarigu dwar affarijiet tal-kummerc jew tal-professjoni. Hawn, ukoll, bhal fil-kaz l-iehor “taht piena tad-danni”. Ragonevolment, dan huwa hekk in virtu ta’ dak il-principju tal-korrettezza li jesigi b’dover mill-partijiet fir-rapport l-obbligu tal-ko-operazzjoni u ta’ l-informazzjoni debita. Fejn il-kondotta tinstab li mhix konformi ghal dan, dik ma tistax titqies li hi wahda ghal kollox bona fide u, anzi, tattira fuqha l-obbligu tar-rizarciment tad-danni;

F’parametri prevedenzjali, kif inhu hawnhekk il-kaz, il-beneficjarja kellha, skond kif ammonit mill-istess termini ta’ l-applikazzjoni taghha, l-obbligu li tgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali b’kull ghamla ta’ tibdil fic-cirkustanzi kif dikjarat minnha fuq il-formula. M’ghandniex xi nghidu dan l-obbligu jassumi valenza aktar qawwija f’kaz bhal dan, trattasi ta’ ghoti ta’ beneficcji assistenzjali minn fondi ghal-liema ikkontribwew sew l-Istat kif ukoll il-kollettivita` in generali. Jikkonsegwi illi fejn dak l-obbligu ma jigix rispettat, il-qaghda tal-beneficarja ma tkunx, in linea ta’ principju, aktar meritevoli ta’ harsien izda pjuttost ta’ sanzjoni;

Sa hawn l-applikazzjoni tar-rigur dovut ghal *strictum ius* ghaliex hu, imbaghad, sew guridiku, sew ekwu illi, dipendenti mill-fattezzi pekuljari ta’ kull kaz, wiehed jghaddi ‘l quddiem biex jistharreg jekk l-ommissjoni ta’ dak l-obbligu ta’ informazzjoni kienetx ir-rizultat ta’ komportament non-kuranti jew ta’ mera zvista jew ghal xi raguni plawsibbli ohra;

Jibda biex jigi l-ewwelnett registrat illi kien jaggravja fuq l-appellanti l-oneru li tipprova ghall-konvinciment ta’ l-Arbitru illi l-mankanza taghha li tinforma lid-Dipartiment

bit-tibdil ta’ l-indirizz ma kienetx dovuta ghan-negligenza jew it-traskuragni taghha. Mill-ezami tas-sentenza appellata jidher li l-Arbitru accetta l-ispjegazzjonijiet lilu suppliti mill-appellanti u sahansitra ddikjara illi hi ma kellhiex skopijiet ulterjuri meta ghamlet dak it-traslog minn fond ghall-iehor. Huwa probabbli li din il-konvinzjoni kienet indotta fih in bazi ghall-konsiderazzjonijiet multipli, ossija, li f’dak iz-zmien l-appellanti kellha tarbija ta’ ftit xhur minn relazzjoni extra-maritali u ma kellhiex cans tmur tirraporta fid-Dipartiment u, ukoll, li hi hasbet li ma kellhiex ghalfejn tavza lid-Dipartiment la hadet hsieb ir-*re-direction* tal-posta taghha. Forsi, aktar fundamentalment, minn dawn hi wkoll il-konsiderazzjoni, kif din tinzel mir-rapport ta’ l-Ispetturi tal-Fraud and Investigation Directorate illi fil-fond il-gdid taghha, hlief ghall-appellanti u uliedha, ma kien hemm ebda persuna barranija tas-sess maskili residenti fih, b’mod li allura seta’ jkun sospett illi l-appellanti ma baqghetx il-“kap tal-familja”;

Evidentement, l-Arbitru ma waqafx fil-konstatazzjoni illi l-appellanti assolviet l-oneru impost fuqha li turi li kienu jezistu cirkostanzi genwini l-ghala ma ottemperatx ruhha fiz-zmien debitu li tinforma lid-Dipartiment. Ciononostante, huwa ghadda imbaghad biex isib li l-appellanti kisret dik l-obbligazzjoni taghha u li allura d-Dipartiment kien gustifikat meta ssospenda l-ghajnuna u talab ir-rifuzjoni. L-appellanti tobbjetta ghal din il-konkluzjoni ghaliex issostni illi hu kontrosens illi f’nifs wiehed l-Arbitru jaccetta bhala verosimili l-versjoni taghha, u f’nifs iehor isibha li ttrasgrediet dak l-obbligu taghha ta’ l-informazzjoni. Minn certu aspett dan l-aggravju taghha mhux minghajr fondament ghaliex jigi li l-appellanti jkollha tbati l-konsegwenzi ghall-ksur merament tekniku ta’ l-obbligazzjoni. Minn naha l-ohra l-appellanti trid tifhem illi d-dixxiplina imposta b’dak l-obbligu mhix haga kapriccjuza izda kienet tfisser, ukoll ghaliha, illi hi kellha, bi dmir u fil-harsien tal-ligi, tagixxi ezattament u konformement ghal dak l-istess obbligu jekk ma riedetx li l-qaghda taghha tkun kompromessa. L-ispjegazzjonijiet taghha kellha iva l-iskop li jrattbu d-decizjoni tad-Direttur u li jtaffulha l-piz tar-rimbors lura ta’ l-ammont erogat lilha f’beneficcji skond il-

pretiza tad-Direttur (mit-23 ta' Lulju, 2005 sat-28 ta' Novembru 2008) izda mhux ukoll li jehilsuha minn kull addebitu ghall-inosservanza accertata u ammessa ta' l-obbligu ta' l-avviz tat-tibdil ta' l-indirizz. Wara kollox, kif rizultanti mis-sentenza appellata kienu dawk l-ispjegazzjonijiet li inducew lill-Arbitru jiffissa r-rifuzjoni lura b'effett mit-8 ta' Jannar, 2008, anke jekk, incidentalment, din id-data mhix lanqas konformi ghal dik rakkomandata mill-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi (22 ta' Frar, 2008). Maghdud dan kollu, il-Qorti taqbel li dik l-istess rifuzjoni ghandha tkopri biss il-perijodu bejn it-8 ta' Jannar, 2008 sad-9 ta' Ottubru, 2008, data li fiha l-appellanti formalment uniformat ruhha ma' dak l-obbligu u gharrfet lid-Dipartiment bil-bidla fl-indirizz;

Hemm qbil ghal kollox mat-tieni ilment ta' l-appellanti ghar-raguni illi l-Arbitru ma setax jesorbita ruhu mill-parametri tad-decizjoni tad-Direttur, u tal-gravam lilu post mill-appellanti minn dik l-istess decizjoni, hekk bazata unikament fuq il-konsiderazzjoni illi, skond l-istess Direttur, l-appellanti ma kienetx qed tirrisjedi fl-indirizz minnha moghti;

Wiehed ghandu dejjem izomm in mira illi hu minn natura tal-kazijiet ta' din ix-xorta illi d-Direttur hu l-ewwel aggudikatur tal-fatt ikkontestat b'dan illi, fuq appell sottomess mill-beneficjarji, l-Arbitru jista' jikkontrolla dak l-gudizzju tieghu u sahansitra jissostitwih b'dak tieghu jekk ic-cirkustanzi fattwali jkunu jissuggerixxu li hu jitbieghed minn dik id-decizjoni tad-Direttur. Wisq logikament, ir-raguni tad-decizjoni taqa' fl-ewwel lok fil-potesta` esklussiva tad-Direttur u jekk dan ikun elegga l-bazi motivazzjonali ta' dik id-decizjoni, mhux ghall-Arbitru illi jippronuncja ruhu oltre il-limiti tad-deciz jew li jinoltra ruhu fuq kwestjoni estraneja ghall-oggett ta' dak il-gudizzju tad-Direttur. L-obbligu tieghu jibqa' dejjem dak illi, individwata n-natura ezatta tad-decizjoni tad-Direttur, u dak ta' l-appell sottopost lilu, huwa jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu konsiderazzjonijiet li ma jkunux jaqghhu 'l barra minn dawk prospettati f'dik id-decizjoni jew fl-appell lilu.

Jekk jaghmel dan, l-Arbitru jigi li jiskonfina mill-ambitu tar-raguni tad-decizjoni tad-Direttur u tar-raguni ta’ l-aggravju, u dan la hu lecitu u lanqas accettabbli. Dan kollu qed jigi rilevat ghaliex fil-fehma tal-Qorti l-Arbitru ma kellux jikkonsidra l-fatt ta’ l-impjieg ta’ iben l-appellanti Attard, ghax ankorke dan gie hekk senjalat ukoll fir-rapport ta’ l-Ispetturi ma nghatatx mid-Direttur b’raguni ghad-decizjoni tieghu li jiddizintitola lill-appellanti mill-ghoti tal-beneficcju u ghar-rikjam lura ta’ l-assistenza mhallsa. In konsegwenza, l-appellanti sewwa rragunat bit-tieni aggravju taghha illi l-Arbitru mar, kif fuq spjegat, oltre l-parametri definiti meta okkupa ruhu, u ddetermina wkoll, bil-kundanna prefissa, ir-rifuzjoni ulterjuri marbuta ma’ dik ic-cirkostanza ta’ l-impjieg;

Huwa f’dan is-sens li s-sentenza appellata trid tigi riformata u mhux ukoll in bazi ghal dak dedott mid-Direttur fl-appell principali tieghu, eskluzivament impernjat fuq il-kontestazzjoni tieghu tal-valutazzjoni ta’ l-Arbitru ta’ dik l-istess cirkostanza ta’ impjieg.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li l-Qorti tichad l-ewwel aggravju ta’ l-appellanti Joan Attard, tilqa’ t-tieni aggravju taghha u b’hekk tirriforma s-sentenza appellata billi thassar minnha dik il-parti taghha riferibilment ghar-rifuzjoni relatata ma’ l-impjieg tat-tifel magguri ta’ l-appellanti. Fl-istess waqt u ghal konsiderazzjonijiet kollha premessi l-Qorti tirrespingi l-appell principali tad-Direttur appellant. Kif konswet, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------